

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili
Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili

Litwanja

Artikolu 18 (a)(i) - I-awtoritajiet li huma kompetenti biex jordnaw miżuri ta' protezzjoni u joħorġu  - ertifikat f'konformit  mal-Artikolu 5

Fil-Litwanja, il-miżuri ta' protezzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jiġu ordnati mill-qrati. I - ertifikati skont l-Artikolu 5 tar-Regolament jinħarġu mill-qorti li tkun ordnat il-miżura ta' protezzjoni.

Artikolu 18 (a)(ii) - I-awtoritajiet li quddiemhom għandha tiġi invokata miżura ta' protezzjoni ordnata fi Stati Membruieħor u/jew li huma kompetenti biex jeżegwixxu tali miżura

Fil-Litwanja, il-marixxalli tal-qorti huma kompetenti biex jinfurzew miżuri ta' protezzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Jekk il-marixxalli tal-qorti jkunu ostakolati milli jinfurzew miżuri ta' protezzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, huma għandhom dritt ġenerali li jitolbu lill-pulizija biex ineħħu dawk l-ostakli.

Artikolu 18 (a)(iii) - I-awtoritajiet li huma kompetenti sabiex jagħmlu l-aġġustament tal-miżuri ta' protezzjoni f'konformit  mal-Artikolu 11(1)

Il-miżuri ta' protezzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament huma aġġustati mill-marixxalli tal-qorti li jinfurzew il-miżura ta' protezzjoni skont l-Artikolu 11(1).

Artikolu 18 (a)(iv) - il-qrati li lilhom ir-rikors għal rifjut tar-rikonoxximent u, fejn applikabbli, tal-eżekuzzjoni għandu jiġi ppreżentat f'konformit  mal-Artikolu 13
Ir-rikorsi għal rifjut ta' rikonoxximent jew, fejn applikabbli, għall-infurzar ta' miżura ta' protezzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Qorti tal-Appell tal-Litwanja.

Artikolu 18 (b) - il-lingwa jew lingwi a ettati għat-traduzzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 16(1)

Kull trażlitterazzjoni jew traduzzjoni meħtieġa skont ir-Regolament għall-finijiet ta' komunikazzjoni mal-awtoritajiet Litwani kompetenti jridu jkunu fil-lingwa uffiċjali tar-Repubblika tal-Litwanja, jiġifieri l-Litwan.

L-aħħar aġġornament: 12/07/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorit  nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma ta tettax responsabbilt  jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex ti cekjkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.